Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 675/88**

tal-15 ta' Marzu 1988

li jistabbilixxi regoli dettaljati għal-għajnuna fuq il-produzzjoni għal ċerti varjetajiet ta' ross

(ĠU L 70 , 16.3.1988, p. 12)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3048/93 ta' l-4 ta' Novembru 1993	L 273	6	5.11.1993

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 675/88

tal-15 ta' Marzu 1988

li jistabbilixxi regoli dettaljati għal-għajnuna fuq il-produzzjoni għal ċerti varjetajiet ta' ross

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3990/87 ([2]), u b'mod partikolari Artikolu 8a (5) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3878/87 tat-18 ta' Diċembru 1987 dwar l-għajnuna fuq il-produzzjoni għal ċerti varjetajiet ta' ross ([3]) jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-għoti tal-għajnuna; billi huwa għall-Kummissjoni li tistabbilixxi r-regoli dettaljati rilevanti sabiex jiġi applikat;

Billi ż-żoni tal-produzzjoni u l-varjetajiet li għalihom tista' tingħata l-għajnuna huma stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 3878/87;

Billi, skond Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 3878/87, l-Istati Membri jridu jdaħħlu sistema ta' kontroll u sistema ta' dikjarazzjonijiet rigward iż-żoni taħt kultivazzjoni u tal-varjetajiet miżrugħa sabiex jiġi żgurat illi l-prodott li għalih tkun ġiet applikata l-għajnuna jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-għoti tagħha; billi d-dikjarazzjonijiet, li jitqiesu bħala applikazzjonijiet għall-għajnuna, iridu jinkludu t-tagħrif minimu għall-għanijiet tal-kontrolli li jridu jitwettqu mill-Istati Membri;

Billi ċerti regoli li għandhom x'jaqsmu mal-kontrolli provduti fl-Artikolu tar-Regolament (KEE) Nru 3878/87 għandhom jiġu speċifikati b'mod aktar ċar billi jiġu definiti l-punti minimi tat-tagħrif li jridu jiġu kkontrollati u, minħabba fid-diffikultajiet ta' l-ispejjeż u dawk amministrattivi, is-sistema simplifikata tad-dikjarazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu maż-żoni ż-żgħar;

Billi għandha ssir dispożizzjoni, minn banda waħda, għal miżuri li jiskoraġġixxu d-dikjarazzjonijiet li ma jikkonformawx mal-fatti u, mill-banda l-oħra, għaż-żamma tad-dritt għall-għajnuna fil-każijiet ta' forza maġġuri u ta' diżastri nazzjonali;

Billi sabiex il-bdiewa jiġu megħjuna li jibbenifikaw b'mod sħiħ mill-għajnuna, għandhom jiġu speċifikati l-perjodu taż-żmien li matulu trid titħallas il-għajnuna u r-rata tal-kambju li trid tintuża għall-qlib fil-munita nazzjonali;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-għajnuna provduta f'Artikolu 8a tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 għandha tingħata għall-produzzjoni tal-varjetajiet tar-ross elenkati f'Anness B mar-Regolament (KEE) Nru 3878/87 li huma kultivati fiż-żoni elenkati f'Anness A ma' hawn.

Artikolu 2

Il-għajnuna għandha tiġi konċessa biss rigward iż-żoni:

(a) li fil-fatt ikunu ġew miżrugħa u li għalihom ikun twettaq ix-xogħol normali tal-kultivazzjoni u li fihom ikun nefaħ ir-ross;

([1]) ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
([2]) ĠU L 377, tal-31.12.1987, p. 15.
([3]) ĠU L 365, ta' l-24.12.1987, p. 3.

▼B

(b) li kienu l-kontenut tas-suġġett ta' dikjarazzjoni skond is-sistema provduta f'Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3878/87.

Artikolu 3

1. Fis-sistema provduta f'Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 3878/87:

(a) Kull produttur tar-ross interessat għandu jissottometti dikjarazzjoni waħdiena għaż-żoni kollha li għalihom tkun saret applikazzjoni għall-għajnuna lill-korp kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun lokat. In-nuqqas tal-konformità ma' din il-kondizzjoni għandha tintitola r-rifjut ta' l-applikazzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ssottomessi qabel data li trid tiġi ffissata mill-Istati Membri, li ma għandiex tkun iktar tard mill-15 ta' Lulju ta' kull sena, rigward is-sena tas-suq ta' wara.

(b) Id-dikjarazzjonijiet għandu jkun fihom mill-inqas it-tagħrif li ġej:

— il-kunjom, l-isem u l-indirizz ta' l-applikant,

— iż-żoni kkultivati, f'ettari u ari u n-numru tar-referenza tal-kadast ta' dawn iż-żoni jew, fin- nuqqas ta' dan, id-deskrizzjoni kkonoxxuta bħala l-ekwivalenti mill-korp responsabbli mill-kontroll ta' dawn iż-żoni, u l-kunjomijiet, l-ismijiet u l-indirizzi tas-sidien taż-żoni interessati,

— il-ġranet ta' żrigħ, u x-xahar previst flimikien mal-perjodu taż-żmien ta' l-għaxart ijiem tal-ħsad,

— il-varjetà miżrugħa.

Il-fatturi tax-xiri u d-dokumenti li jiċċertifikaw iż-żerriegħa jridu jiġu mehmuża mad-dikjarazzjonijiet.

2. L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni:

— l-aktar tard sat-30 ta' Lulju tas-sena tal-produzzjoni, l-informazzjoni dwar iż-żoni u l-varjetajiet li kienu l-kontenut tas-suġġet tad-dikjarazzjoni,

— l-aktar tard sat-30 ta' Novembru tas-sena tal-produzzjoni, iż-żoni u l-varjetajiet li rigward tagħhom trid tingħata l-għajnuna.

Artikolu 4

1. Skond Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3878/87, il-kontrolli jridu jkunu hekk li jiżguraw illi l-prodott li għalih tkun saret l-applikazzjoni għall-għajnuna jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-għoti tagħha, b'mod partikolari rigward l-intitolament tad-dikjarant għall-għajnuna, iż-żona attwalment ikkultivata u l-varjetajiet miżrugħa.

2. Il-kontrolli sistematiċi fuq il-post provvduti f'Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3878/87 għandhom jintitolaw kontrolli fuq kull ettaru li kien il-kontenut tas-suġġett tad-dikjarazzjoni.

Madankollu, għad-dikjarazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' inqas minn żewġ ettari, il-kontrolli jistgħu jiġu limitati għal kontrolli amministrattivi biss, flimkien ma' spezzjon fuq il-post rigward mill-inqas 30 % tad-dikjarazzjonijiet imsemmija.

▼M1

Artikolu 5

1. Jekk, ma spezzjoni, iż-żona attwalment stabbilita tinstab li tkun akbar minn dik dikjarata fl-applikazzjoni, iż-żona dikjarata għandha tintuża biex tinħadem l-għajnuna.

2. Jekk iż-żona attwalment stabbilita tinstab li tkun anqas minn dik dikjarata fl-applikazzjoni, il-iż-żona attwalment stabbilita għandha tintuża biex tinħadem l-għajnuna. Iżda, ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri, iż-żona attwalment stabbilita għandha titnaqqas:

— bid-doppju tad-differenza misjuba jekk din tkun aktar minn 2 % jew 2 ettari iżda mhux aktar minn 10 % taż-żona stabbilita,

— bi 30 % jekk id-differenza misjuba hija aktar minn 10 % iżda mhux aktar minn 20 % taż-żona stabbilita.

▼M1

Jekk id-differenza hija aktar minn 20 % taż-żona stabbilita, jew dikjarazzjoni falza tinstab li tkun saret intenzjonalment jew li hija r-riżultat ta' negliġenza kbira, l-ebda għajnuna ma tingħata.

Dan il-paragrafu għandu jgħodd mingħajr preġudizzju għal aktar sanzjonijiet provduti taħt il-liġi nazzjonali.

▼B

Artikolu 6

Meta l-kultivazzjoni ma tkunx proċediet sakemm il-prodott ikun nefaħ, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jaċċettaw każijiet ta' forza maġġuri u ta' diżastri nazzjonali li jkollhom effett maġġuri fuq iż-żona kultivata mid-dikjarant bħala li jiġġustifikaw il-manteniment tal-intitolament għall-għajnuna.

Il-każijiet kollha ta' forza maġġuri jew ta' diżastri nazzjonali kif riferiti fis-subparagrafu preċedenti għandhom jiġu mgħarrfa lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru fi żmien tlitt ijiem mill-każ. Għandha tiġi provduta xiehda ta' dan fi żmien xahar minn din in-notifika.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-każijiet li huma jagħrfu bħala każijiet ta' forza maġġuri jew ta' diżastri nazzjonali.

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom iħallsu l-għajnuna fil-munita nazzjonali l-iktar kmieni fil-15 ta' Diċembru tas-sena tal-produzzjoni u l-aktar tard sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

L-għajnuna tista' tiġi mibdula fil-munita nazzjonali billi tintuża r-rata agrikola tal-kambju tal-1 ta' Settembru tas-sena ta' produzzjoni.

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Mejju 1988 bil-miżuri meħuda skond dan ir-Regolament.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.